MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 51/2004/1

**Salvina Mifsud armla**

**Vs**

**Tereza Campbell**

Il- Bord,

Ra ir- rikors ta' Salvina Mifsud armla fejn tesponi b' rispett:

Illi hi sija propjetarja tan- nofs indiviz kif ukoll usufruttwarja tal- fond 16, Triq San Gejtanu, Hamrun, liema fond hu mikri b' kera ta' Lm 50 kull sena.

Illi l- inkwilina m'hux qed tirrisjedi fil- fond biex b' hekk bidlet id- destinazzjoni tal- kirja / fond.

Illi di piu' l- esponenta saret taf li l- inkwilina qed tippermetti l- uzu tal- fond favur terzi liema haga saret minghir l- approvazzjoni ta' l- esponenta w li tista' tigi interpretata bhala cessjoni/sullokazzjoni tal- fond.

Ghaldaqstant, l- esponenta titlob bir- rispett lil dina l- Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza lill- esponenta tirriprendi l- pussess tal- fond 16, Triq San Gejtanu, Hamru u tordna lill- intimata tizgombra minnu fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss.

Ra li l- intimata la pprezentat risposta, u ghalkemm giet mghajjta f' diversi hinijiet waqt is- seduta ta' llum, ma deheritx biex tikkontesta t- talba.

Ra li deher l- avukat tar- rikorrenti Dr. Mark Busuttil.

Ra l- artikolu 30 Tal- Kap 69 tal- Ligijiet ta' Malta.

Jilqa it- talba tar- rikorrenti u jaghtiha l- kunsens li terga tiehu f' idejha l- fond 16, Triq San Gejtanu, l- Hamrun; ghall- ghan ta' tkeccija jaghti xahar zmien m' illum; l- ispejjez jithallsu mill- intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------